Diviżjoni APA ta' Psikoloġija Internazzjonali (International Psychology): Ħarsa ġenerali, 2008
minn **Marie-Louise Schembri, Malta**

Fil-21 ta' Frar, 1997, il-mexxejja ta 'l-Assoċjazzjoni Amerikana tal-Psikoloġija (*American Psychological Association, APA*) approvaw diviżjoni ġdida, Diviżjoni 52, "Psikoloġija Internazzjonali" ("*Psychology International*"), wara ħafna snin ta' ppjanar. Il-missjoni tagħha hija li "tkomplu l-iżvilupp u l-avvanz tar-relazzjonijiet internazzjonali fost psikologi fl-oqsma tal-qsim tal-għarfien, l-inkoraġġiment ta' viżti, l-inkoraġġiment ta' riċerka interkulturali u tal-iżvilupp fil-prattika klinika, u li tippromwovi l-għanijiet ġenerali tal-APA."

Matul l-ewwel 10 snin tagħha, Diviżjoni 52 kienet diviżjoni attiva hafna fl-APA b'mod mhux tas-soltu u varjat. (1)

Id-diviżjoni tippubblika ir-rivista eċċellenti (bhaissa taħt l-editur Senel Poyrazli) *International Psychology Bulletin*, b'artikli oriġinali dwar il-psikoloġija minn madwar id-dinja, miktub minn psikologi tal-ogħla kalibru u oħrajn. (2) Giet iffurmata websajt taħt il-ġestjoni tal-esperti Richard Velayo u Shay Mann, www.internationalpsychology.net, li toffri aħbarijiet aġġornati għall-membri. (3) Toffri wkoll programm attiv fil-laqgħa tal-APA ta' kull Awissu, fejn membri u parteċipanti oħra jistgħu jippreżentaw ix-xogholijiet tagħhom. Fl-ewwel programm tal-APA fl-1998 dehru 120 preżentatur minn 39 nazzjonijiet. (4) Jintlaqaw nominazzjonijiet għall-premijiet annwali għall-eċċellenza fl-oqsma: psikologu internazzjonali, *mentor*, riċerka ta' studenti, riċerka fuq in-nisa/is-sessi, ktieb li spikka. (5) Toffri lill-membri tagħha involviment attiv f'proġetti importanti, netwerk ta' 70 kuntatt internazzjonali, *listserv* kull xahar minghand Richard Velayo, serje ta' kotba internazzjonali ġodda mil-*Psychology Press* taħt l-edituri Uwe Gielen u Harold Takooshian, netwerk ta' kelliema, u skontijiet fuq kotba u prodotti oħra.

Mill-bidu, Diviżjoni 52 gawdiet l-appoġġ attiv tal-mexxejja tal-APA, inkluż tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni taghha Raymond D. Fowler. Erba' mill-ewwel tnax il-President tad-Diviżjoni kienu Presidenti tal-APA kollu (immarkati hawn b'*): Presidenti Ernst Beier, Florence Denmark,* Gloria Gottsegen, Frank Farley,* Charles Spielberger,* Harold Takooshian, Richard Velayo, Norman Abeles,* Joy K. Rice, Michael J. Stevens, Uwe P. Gielen, Lynn H. Collins. Id- Diviżjoni taħdem mill-qrib mal-Kumitat ghar-Relazzjonijiet Internazzjonali fil-Psikoloġija (*Committee on International Relations in Psychology*, CIRP), iffurmata fl-1944, billi tippermetti psikologi u studenti mil-Istati Uniti tal-Amerika u minn madwar id-dinja li jissieħbu fid-Diviżjoni Internazzjonali u jipparteċipaw għal ħlas annwali modest. Fl-2010 dan il-ħlas kien ta' $15 għall-istudenti, $30 għal-professjonisti. Għall-aktar dettalji, iċċekkja l-websajt www.internationalpsychology.net.

Illum Diviżjoni 52 tispikka bħala waħda minn-sitt organizzazzjonijiet bi sħubija internazzjonali, kull wahda b'missjoni unika (Stevens u Wedding, 2006):
2. IAAP (iffurmata fl-1920) hija l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tal-Psikoloġija Applikata (*International Association of Applied Psychology*). Bħalissa ghandha

2000 membru madwar id-dinja, toffri ġurnal trimestrali (*Applied Psychology: An International Review*) u kungress kull erba' snin (www.iaapsy.org).
3. ICP (1941) huwa l-Kunsill Internazzjonali tal-Psikologi (*International Council of Psychologists*). Bħalissa ghandha 800 membru minn madwar id-dinja, toffri newsletter kull tlett xhur (*International Psychologist*) u konvenzjoni annwali (www.icppsych.tripod.com).
4. IACCP (1972) hija l-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Psikoloġija Interkulturali (*International Association for Cross-Cultural Psychology).* Bħalissa ghandha 800 membru, toffri l-ġurnal bimensili *Journal of Cross-Cultural Psychology* u laqgħa kull sentejn (www.iaccp.org).
5. IUPsyS (1951) hija l-Unjoni Internazzjonali tax-Xjenzi Psikoloġiki (International Union of Psychological Sciences). Din hija unjoni ta' 64 nazzjonijiet membri (ebda membri individwali), tippubblika l- ġurnal *International Journal of Psychology* u tospita l-Kungress Internazzjonali tal-Psikoloġija (*International Congress of Psychology*) kull erba' snin (www.iupsys.org).
6. Ipso (1999) hija l- Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istudenti tal-Psikoloġija (*International Psychology Student Organization*), grupp ġdid emerġenti kompost minn studenti ta' nazzjonijiet diversi (www.psychologystudents.org).

Referenza: Stevens, M.J., u Wedding, D. (2006). (Ed.). Psychology: IUPsyS Global Resource CD, 2006.
Hove, UK: Psychology Press. (www.psycpress.co.uk).

** Ibbażat fuq il-ħarsa ġenerali oriġinali tad-Diviżjoni 52 tal-APA, mħejjija fl-2008 mill-uffiċjali tagħha ta' sensibilizzazzjoni:
John D. Hogan, Rivka Bertisch Meir, Mercedes A. McCormick, Harold Takooshian